MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Avviz Numru. 42/1998/1

Tony's Car Hire Limited .

vs.

Carmel Tabone et.

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li huma għandhom iħallsu lis-soċjeta' attriċi ammont ta' erba' mija u sebgħin lira maltija (Lm470) rappreżentanti kera ta' vettura għall-perijodu mis-6 ta' April 1996 sat-8 ta' Lulju 1996, m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti jħallsu lis-soċjeta' attriċi din is-somma .

Bl-interessi legali fuq din is-somma b'effett mill-1 ta' April, 1998 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Preliminarjament hemm il-preskrizzjoni tat-talbiet attriċi fit-terminu tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili .
2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti la għandu u l-inqas qatt kellu xi relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u qatt ma kera vetturi mingħandha .
Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Novembru 2005, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti oħra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenuti il-ħlas għall-kiri ta' vettura għall-perijodu tat-tliet xhur indikati fl-Avviż . Il-konvenuti eċċepew preliminarjament il-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap. 16, u ċioe' dik ta' tmintax-il xahar . Ġara illi qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, l-unika interpellazzjoni għall-ħlas saret permezz ta' ittra uffiċċjali mibgħuta lill-konvenuti f'Marzu 1998, kif tistqarr l-istess soċjeta' attriċi fl-Avviż tagħha u għalhekk wara li kien laħaq skada l-perijodu stabilit mil-liġi bl-artikolu 2148(f) applikabbli għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli bħal ma għandna fil-każ in eżami . Dan għaliex l-aħħar data ndikata mis-soċjeta' attriċi għall-kiri ta' vettura lill-konvenuti, kif tgħid hi stess fl-Avviż u kif konfermat fl-*invoice* ppreżentat minnha,[1] hija t-tmienja ta' Lulju 1996, aktar minn sena u nofs qabel ma ġiet mibgħuta l-ittra uffiċċjali msemmija .

[1] Dok. A a fol. 14 tal-process .

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi pero' illi minkejja illi kien għadda l-perijodu stabilit mil-liġi għall-preskrizzjoni, din ġiet rinunzjata bl-ammissjoni tal-konvenuti stess li l-ammont mitlub huwa dovut . Jingħad fid-dottrina fir-rigward tar-rinunzja tal-preskrizzjoni illi : "*Questo riconoscimento implica rinuncia al beneficio della prescrizione cominciata; per conseguenza essa interrompe la prescrizione … Il riconoscimento interrutivo di prescrizione risulta da ogni atto o da ogni fatto contenente o implicante la confessione dell'ezistenza del diritto . Puo' essere infatti espresso o tacito . Espresso, non e' soggetto ad alcuna formalita' speciale . Puo' essere verbale e risultare da una lettera . Il riconoscimento tacito puo', in generale, risultare da fatti o atti che implicano la confessione dell'esistenza del diritto soggetto alla prescizione.I giudici, a questo proposito, hanno un potere sovrano di apprezzamento … I principali fatti da cui si puo' indurre il riconoscimento tacito sono il pagamento fatto dal debitore a titolo di acconto, il pagamento fatto dal debitore degli interessi del suo debito, la domanda da lui fatta di una dilazione al pagamento, l'offerta e a piu' forte ragione la prestazione di garanzie come una cauzione, un pegno, un'ipoteca." [2]*

Dan l-insenjament dejjem ġie segwit mill-Qrati tagħna . Infatti ingħad illi :

"*L-artikolu 2109(1) tal-kap. 16 testwalment jipprovdi illi 'r-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita' . Fil-każ ta' rinunzja espressa din trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi ; fil-każ ta' rinunzja taċita għandha tiġi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi deżunta ma tkunx tista' tiġbed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja (art. 2109(2); Michele Tabone et. vs. Emmanuele Sammut noe., Prim'Awla, 10 ta' Ottubru 1950; Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe. Appell Civili 18 ta' Marzu 1977) .*

[2] Baudry – Lacantinerie : Della Prescrizione para. 528 – 530 .

*Hija dottrina komunement aċċettata illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volonta' inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika għall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruħu mill-preskrizzjoni kompjuta … Kif drabi oħra ntqal 'l'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia e' rimesso all'apprezzamento dei tribunali, i quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito, e che possono talora spiegare la sua efficacia (Kollez. vol. XXVIII. II. p. 112)."* [3]

Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti li rriżultaw fil-każ in eżami, nsibu illi l-konvenut jammetti biss illi Anthony Attard, proprjetarju tas-soċjeta' attriċi, kien għaddielu vettura għall-użu tiegħu in segwitu għal inċident stradali li fiha kienu nvoluti l-konvenuti u terzi u dana sakemm jiġi deċiż kemm ser ikun il-*quantum* tad-danni li kellhom jiġu likwidati a favur tagħhom . Inzerta illi l-istess Anthony Attard kien l-aġent f'Għawdex tad-ditta assikuratriċi tiegħu u tat-terzi nvoluti f'dan l-inċident stardali . Kien dan Attard stess li offra li jipprovdilu karozza, wara li l-konvenut kien urieh l-intenzjoni li xtaq jiġi pprovdut b'waħda, billi ma setgħax jagħmel iżjed użu mill-karozza tiegħu li ġarrbet ħsarat konsiderevoli f'dak l-inċident .

Huwa madankollu dejjem ippretenda illi għal dan l-użu tal-karozza pprovduta minn Anthony Attard, kellha tagħmel tajjeb id-ditta assikuratriċi . Dan ħareġ ċar u b'mod inekwivoku fid-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża . B'daqshekk pero' ma rriżulta minn imkien illi huwa qatt ammetta jew irrikonoxxa li kellu jkun hu li jħallas għal dan l-użu . Anzi baqa' jsostni sa l-aħħar illi dan il-kont kellha tagħmel tajjeb għalieh id-ditta assikuratriċi tat-terzi li kienu responsabbli għall-inċident stradali li fih kien involut .

Ma jirriżultax għalhekk illi qatt kien hemm xi rinunzja espressa jew taċita tal-preskrizzjoni li kienet għaddiet a favur tal-konvenuti dwar il-ħlas mitlub f'dan l-Avviż .

---

[3] Appell Inferjuri : Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vs Joseph Quattromani 19.5.2004 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------